# Tliet Imhabbiet

*Ta'* Vic. Apap

L-PORT kien miżgħud bin-nies u mferraħ bid-daqq tal-baned u bit-tixjir ta' l-imkatar. F'nofs il-folla, mitlufa f'sakra ta' feraħ li ma bħalu, kien hemm miġbura l-aħjar suldati tal-pajjiż. imħejjijin biex isiefru u jmorru jaħbtu għall-għadu f'artijiet barranin. Kienet dehra sabiħa tassew din, dehra li bosta ġnus oħra ma setgħux ikollhom f'pajjiżhom billi dawn kienu jibagħtu lis-suldati minn art għal oħra bl-ikbar ħabi. Iżda hawnhekk in-nies setgħet turi bla biża' ta' xejn li l-irġiel tagħha kienet tielqa għall-gwerra minħabba li l-għadu ma sata' qatt jasal sa dik ix-xtajta.

Is-suldati dehru henjin u qalbiena, iżda fosthom ukoll kien hemm min ħeba wiċċu mill-ħars tan-nies u mesaħ b'qiegħ idejh demgħa taħraq nar li ma felaħx iliġġem iktar ġo fih.

F'ġenb wieħed kien hemm xbejba ta' għoxrin sena, b'idejha jagħfsu idejn il-ħanin tagħha, mitlufa twebbes fihom u fl-istess hin twissih bil-fsied biex jiktbilha kull ġimgħa u biex jibqa' jħobbha dejjem. Minn naħa oħra dehret riesqa mara xiħa, b'xagħarha mniedi, titwieżen fuq ħatar u tħaffef kemm tiflaħ lejn il-port. Iddeffset qalb il-ġemgħa, irtasset kemm setgħet: xi kultant tieqaf u tgħolli ħarsitha minn fuq kitfejn in-nies biex tara tilmaħx lil binha. Fl-aħħar, hekk kif ratu — hu wkoll kien qed ifittixha — għolliet leħenha u sejħitlu b'ismu. Wara ftit, l-omm u binha kienu mgħannqin flimkien. Kultant iż-żagħżugħ kien jarfa' 'l ommu mill-art bejn dirgħajh, igħidilha kliem li jqawwi l-qalb u jbusha waħda f'waħda fuq ġbinha kollu tikmix. U ommu, meta rat hekk, ħallet minn fuq sidirha xbieha żgħira fid-deheb ta' żewġha u hemżitha fuq il-ġlekk ta' binha:

"Ftakar dejjem f'missierek," qaltlu, "u aqdi dmirek kif innis."

"Sa l-aħħar, ma, tibża' xejn," weġibha binha; "dawk li qatlu 'l missieri jpattuha qares minn idejja."

U l-omm li fil-vini tagħha kellha jiġri demm li jaf missier suldat, minflok ma qatgħet qalb binha, qawwietu f'fehemtu u ħajritu jitħallas tal-mewt ta' missieru.

Ftit iktar il bogħod minnhom kien jidher suldat ieħor b'tarbija ta' ftit xhur bejn dirgħajh, qiegħed jagħtiha l-aħħar bewsa qabel jitlaq. Martu, b'rasha mitluqa fuq sidirha, ħasset

għoqla fi griżmejha li ma ħaliithiex tlissen kelma. Ma' ġenbhom kien hemm binhom ieħor, ta' ħames snin, bl-elmu ta' l-azzar f'rasu, u jqandel il-maskra tal-gass ta' missieru. Għalih xejn ma kien ta' niket u swied il-qalb, anzi bil-kemm ma tħajjarx jiltob lil missieru biex isiefru miegħu.

Is-suldati bil-qajla l-qajla bdew jinfirdu mill-għeżież tagħhom, u wara ftit kienu qegħdin jitbegħdu minn pajjiżhom waqt li d-daqq tal-baned u t-tixjir ta' l-imkatar intilef fix-xejn.

Sa ma waslu f'art oħra, fejn ħadd ma kien jafhom, saru ħbiberijiet ġodda bejn is-suldati u ssaħħu dawk ta' qabel.

Meta waslu u niżlu l-art, għamlu għors sħiħ: igħannu, jixorbu u jiġġerrew mal-belt kollha, jixtru kulma jaqa' taħt għajnejhom u jinbxu lil kull tfajla mqarba li tagħtihom il-wiċċ. Kienu ftit jiem bla xogħol, u s-suldati għarfu jinqdew bihom tajjeb biex itajru bla tbatija xi ħsieb li kultant kien iberren f'moħħhom fuq pajjiżhom u l-familji li ħallew warajhom.

Mas-sebħ tat-tielet jum rikbu l-ferrovija u telqu lejn il-pajjiż li fih il-gwerra kienet fl-eqqel tagħha. Għaddew biha minn qalb bini għoli u sabiħ, fejn in-nies xejritilhom u tefgħetilhom il-bews, u minn bejn egħlieqi mimlijin ħdura u siġar, fejn il-bdiewa kienu jaħdmu bil-ħerqa l-art imbierka minn għaraq ġbinhom, bla ma jheddu lil ħadd, jew jixtiequ xi art li ma kenitx tagħhom.

Għall-ewwel, waqt li l-ferrovija kienet tgħaddi maħruba minn mina għal oħra u tħalli warajha artijiet bla tarf li f'għajnejn il-bniedem kienu jidhru kbar daqs dinja, is-suldati kienu jgħannu u jdoqqu l-kitarri qishom sejrin xalata; iżda ċ-ċaqliq tal-vaguni u ċ-ċekċik taż-żgieġ tagħhom, ħeddel lil ħafna u raqqadhom bil-kitarri fuq żaqqhom.

L-għada fil-għodu ma kenux bogħod mill-post maħsub. Kull wieħed beda jħoss tferfir ta' qalb bħal min ikun sejjer għal xogħol li ma jkun għamel qatt bħalu f'ħajtu. Issa wkoll beda jinsama' mill-bogħod id-diwi ta' l-isparar tal-kanuni u d-damdim ta' l-ajruplani jittajru mas-smewwiet. Kien hemm drabi meta l-ajruplani tal-għadu taru fuq il-ferrovija u waddbu fuqha bombi bla ħniena, iżda b'riżq tajjeb ma ndarab ħadd u b'hekk setgħu jaslu lkoll qawwijin u sħaħ.

Mill-ħila li kellhom qabel ma telqu minn pajjiżhom ma sabux ħlief ftit minnha, issa li kienu jeħtiġuha tant fit-taqbid li kien

wasal biex jibda. Ma' kull ħoss li kienu jisimgħu, kienu jinqatgħu minn irkobbtejhom u kull wieħed kien igħid f'qalbu li mhux sa jinnexxilu jilħaq jipponta l-azzarin ma' għajnejn li ma jsibx ruħu minxur fl-art għal mejjet. B'danakollu, il-mexxejja tagħhom — li kellhom għajnejhom mitfuħa sew fuq dawk l-irgiel f'miljet ħajjithom — kienu qalbhom qawwija li wara l-ewwel deħxa ta' sparar u tixrid ta' demm, kienu jsibu sħiħa ħilithom kollha u jissieltu daqs l-aqwa suldati.

U ġara tabilħaqq dak li kien mistenni. Malli ngħatalhom l-ordni biex jaqbżu barra mit-trinek u jaħbtu għall-għadu, l-isparar tal-kanuni ħassewh iwebbsilhom qalbhom u l-ewwel mejtin fost sħabhom fawwarhom bil-qilla tat-taqbid.

Matul il-jum kien hemm ma' l-ajru dħaħen tal-balal u ajruplani jitkagħwxu fuq xulxin, u ma' l-art mejtin bil-mijiet u ħajjin igħaffgu fuqhom f'telfa ta' ġlied.

Ma' nżul ix-xemx, il-ħidma tal-gwerra ma naqset xejn, ittifqigħ tal-bombi baqa' jinstama' 'l hawn u 'l hinn bla hedu. Xi suldati daħlu jistrieħu fit-trinek biex mas-sebħ ikunu jifilħu jibdew mill-ġdid jum ieħor ta' taqtigħ.

Fost is-suldati, jieklu ftit galletti ebsin għuda bi ftit laħam tal-landi, kien hemm żewġ żgħażagħ ta' mpar xulxin, jitkellmu u jidħku b'li għadda minn għalihom dak in-nhar. Il-wieħed kien Ġorġ, li fil-port tat-tluq kienet wasslitu ommu, u l-ieħor kien Ġużeppi, dak stess li ltqajna miegħu flimkien ma' ħanintu tbewwislu f'idu.

Kienu żewġ żgħażagħ jinħabbu iktar minn aħwa, billi għexu dejjem flimkien sa minn ċkunithom. Kienu draw li qabel ma wieħed jagħmel xi ħaġa, jistaqsi lill-ieħor x'jidhirlu minnha, u jekk ma togħġobx lil wieħed minnhom, kien itir kollox mar-riħ.

Ġara darba, li bla ma tarrfu xejn lil xulxin, għajnejhom waqgħu fuq xebba waħda, u sew Ġużeppi kemm Ġorġ bdew iħobbuha fil-moħba ta' qalbhom.

Kien Ġużeppi li jum wieħed waqqaf lix-xbejba u talabha tkun martu. Ix-xbejba laqgħet bil-ferħa x-xewqa ta' Ġużeppi u għalihom it-tnejn bdiet ħajja ta' tamiet sbieħ li kellha twassalhom sa fuq l-artal taż-żwieġ. Għal Ġorġ din kienet bħal daqqa ta' sikkina, u għalkemm żamm il-ħbiberija ta' qabel ma' Ġużeppi, b'danakollu kien iħoss għalih bħal għira li kienet qiegħda tikollu qalbu bil-għali. Ma baqax bħal dari jifraħ minn qalbu b'ħ...

bibu daqskemm kien juri bid-dieher, u ma kienx jara x'jista' jagħmel biex iwarrbu minn-nofs u jeħodlu lix-xbejba li kien tant iħobb. Min-naħa tiegħu, Ġużeppi baqa' ħabib ma' Ġorġ daqs qabel, u kien iderri miegħu mhux ftit il-ħin li fih kien iħossu mbiegħed mill-għarusa, u sahansitra kien jaqralu l-ittri tagħha, kif ukoll dawk li jkun sa jibagħtilha.

Hekk kif trejqu u kienu sa jinteddu fuq il-gvieret, ġriet il-kelma li l-Maġġur kien jeħtieġ tnejn minn-nies għal biċċa xogħol iebsa. Ġorġ u Ġużeppi ħarsu lejn xulxin u bla ma qalu kelma ftiehmu li jidħlu għaliha huma.

Resqu quddiem il-Maġġur u hejjew ruħhom għal dak li sata' jordnalhom. Il-Maġġur newwilhom sitt kaxex żgħar b'bombi ġo fihom, marbutin ilkoll flimkien b'ħabel irqiq ta' l-azzar, u qal-lhom li fi żmien erba' sigħat kellhom ikunu ħbewhom bejn il-linji tal-għadu u jlaqqgħuhom wara li jkunu tbiegħdu xi ftit. "Iżda," issokta jgħidilhom il-Maġġur, "jekk ma tkunux tistgħu teħilsu mill-periklu, faqqgħuhom xorta waħda u agħtu ħajjitkom għall-ġid ta' art twelidna."

Iż-żewġ żgħażagħ ħalfu li jaqdu dmirhom bir-reqqa kollha, sellmu, u ħarġu minn ġot-trinka jitkaxkru ma' l-art u jgħarrxu b'għajnejhom biex jaraw jilmħux lil xi ħadd tal-għadu li sata' jfixkilhom f'dak li kellhom ħsieb iwettqu.

F'dan il-ħin beda għaddej minn moħħ Ġorġ ħsieb ikreh. Dak li ma satax jagħmel qabel, kien issa ħafif biex itemmu. Ħares madwaru u mbagħad lejn Ġużeppi b'għajnejn ta' qilla, ħafen taj-jeb f'idejh il-pistola u ħares mill-ġdid madwaru biex jiżgura ruħu li kienu weħidhom. Kien sa jiftaħ in-nar fuq ħabibu meta sab ruħu maħfun minn biża' kbir. Ħass xi ħaġa toqroslu qalbu u ċċanfru u fl-istess waqt bħal sama' xi ħaġ'oħra li tħajru jissokta għaliex b'hekk biss sata' jirbaħ lix-xbejba li sa dak il-ħin kienet għadha ta' l-ieħor. U mill-ġdid idu marret fuq il-pistola. Jiġbed? Ma jiġbidx? Il-ħarsa safja ta' Ġużeppi, kollu ħeġġa fil-qadi ta' dmiru lejn il-pajjiż, mewtitlu l-qilla ta' ruħu u rattbitlu qalbu daqs ta' ħaruf.

Iż-żewġ żgħażagħ issoktaw jitkaxkru: issa jistaħbew wara siġra, issa jinħbew wara borġ ġebel sakemm jistrieħu mill-qagħda li jkunu fiha, sa ma waslu qrib sew tal-għadu. Tbiegħdu minn fejn semgħu l-kliem u fittxew post fejn il-għassies kien waħdu. Stennewh idawwar wiċċu band'oħra, u mbagħad qabżu fuqu bħal żewġ dbejjeb, saddewlu fommu b'maktur, niffdulu qalbu b'sik-

kina u ħallewh għaxi fl-art imgħargħar f'demmu biex bdew iqas-smu fil-ħamrija l-kaxex li kellhom magħhom.

Kienu qegħdin jaħsbu biex jitwarrbu minn hemm meta għajta ta' suldat tal-għadu ħasdithom minn riġlejhom. Ma kienx hemm żmien x'jintilef għax l-inqas dewmien sata' jsarraf it-telf ta' dak li b'sabar u għaqal kbir kien ilhom jħejjuh is-sigħat. Għal-hekk. xteħtu minnufih minn tulhom fl-art u ġibdu malajr il-ħabel ta' l-azzar li kienu baqgħu jżommu f'idejhom.

F'dak il-ħin instemgħu sitt tifqigħat kbar mal-wisa' kollu ta' hemm. u s-sema ddawwal b'nar ħamrani qishom infetħu bwieb l-infern. Taru ma' l-ajru bċejjeċ tal-kanuni u iġsma ta' nies waqt li kemm kien hemm bini u tined dehru jieħdu n-nar u jiġġarrfu daqs kieku kienu tal-karta.

Min-naħa l-oħra dehru resqin it-tanqijiet u s-suldati sħab Ġorġ u Ġużeppi. Imma Ġorġ ma felaħx jimxi : kien għadu minn tulu fl-art. b'Ġużeppi ħdejh irosslu driegħu b'ċarruta biex iwaq-qaflu d-demm li kien ħiereġ minn ġerħa magħmula b'balla li laħaq spara s-suldat li lemaħhom.

Meta qabżuhom sħabhom. Ġużeppi rafa' fuq kiftejh lil Ġorġ u ħaffef bih kemm sata' lejn l-eqreb tinda ta' l-isptar. fejn it-tobba dehrilhom li Ġorġ kien tilef demm wisq u li ħtieġlu min jagħtih id-demm. Bla ma qagħad jaħsibha darbtejn. Ġużeppi qal-lhom li kien lest biex jagħti minn demmu għal ħabibu. u b'hekk il-għoti tad-demm sar mill-aktar fis.

. . . . . . .

Sa ma spiċċat il-gwerra. Ġorġ u Ġużeppi ma ltaqgħux iktar. Biss. meta Ġorġ tjieb u sata' jaħseb x'kien għadda minn għalih, kien tnikket għall-aħħar talli darba għaddielu minn moħħu li joqtol lil sieħbu waqt li minnu ma kienx ra ħlief ġid.

Iddur b'Ġorġ fl-isptar fejn daħħluh kien hemm infermiera jisimha Roża. li mindu ħadu lil Ġorġ fit-taqsima tagħha, ma ke-nitx taqla' għajnejha minn fuqu fil-ħin li tkun għassa. Kienet tinqeda b'elf fettuqa biex tersaq lejh u tkellmu : issa biex taralu d-deni u tisqih il-mistura. u issa biex tgħollilu l-imħaded u tqal-liblu l-firxa. U kull darba kienet tara kif taqbad il-kliem u tibqa' wieqfa ħdejn soddtu sakemm isejħilha xi marid ieħor u jkollha titbiegħed fuq qalbha minn ħdejn Ġorġ.

Iż-żagħżugħ intebaħ bl-imġiba ta' l-infermiera. iżda billi

f'qalbu kienet għadha miżmugħa l-imħabba għal-għarusa ta' Ġużeppi, ma kienx inġibed wisq għal Roża iktar minn morda oħra li kien hemm miegħu. B'danakollu, ix-xbejba ma naqqset qatt mill-ġibda tagħha għal Ġorġ, ukoll meta dan ftit kien jagħtiha wiċċ.

Ġara li Ġorġ kien għoddu wasal biex iqum mis-sodda meta waslet l-aħbar tar-rebħa u li l-għadu kien lest biex joqgħod għal kulma jintalab minnu.

F'leħħa ta' berqa d-dehra ta' l-isptar tbiddlet bħan-nhar mil-lejl u fuq wiċċ kulħadd feġġet tbissima ta' ferħ. Mat-taqsimiet kollha kien hemm ġeġwiġija ta' agħjat u għana mħalltin flimkien, u morda jitgħannqu minn sodda għal oħra, waqt li l-infermieri żammew kemm setgħu lil xi wħud li saħansitra riedu joħorġu minn soddthom.

Roża daħlet tiġri ħdejn Ġorġ u bla ma kellmet lil ħadd ħliefu:

"Irbaħna." qaltlu, "il-gwerra spiċċat."

Mingħajr ma tatu żmien iwieġeb għal kliemha, qabditlu idejh, għafsithomlu ma' qalbha u b'telfa li ma bħalha bisithom iktar minn darba. Ġorġ baqa' miblugħ fih innifsu u ma tkellem xein. F'dak il-ħin ħass qalbu taqbeż f'sidru bħal kieku riditu jgħid xi ħaġa li ma sabx kliem kif igħidha. Imbagħad Roża ħmaret nar, naqsitha l-ħila; telqitlu idejh f'daqqa u b'għajnejha bħal talbitu maħfra. Il-fixla tagħha donnha dawlet lil Ġorġ x'għandu jgħid u wara li qam bil-qiegħda fuq is-sodda, qallha:

"Oqgħod ma' ġenbi, għax il-lum naf x'isarraf il-ferħ meta jkun hemm min jista' jaqsmu miegħi."

Roża ma fetħitx fommha.

"Kemm ikun aħjar għalija," issokta jgħid Ġorġ, "kieku ma' dal-ferħ taqsam miegħi l-ħajja wkoll."

Ix-xbejba tbissmet u b'leħen ħiemed qaltlu: "Irrid."

. . . . . . . .

Ftit xhur wara, fl-isbaħ misraħ tal-pajjiż, is-suldati nġabru biex fuq sidirhom tinhemeż il-midalja tar-rebħ.

Fost is-suldati kienu jinsabu żewġt iħbieb li għalihom ittnein kien hemm lesti midalji tad-deheb bi ħlas ta' ħidma li wettqu qalb il-linji tal-għadu, u qalb ir-rassa tan-nies kien hemm żewġ nisa jibku bil-ferħ talli żwieġhom kienu qegħdin jitħallsu tal-qlubija tagħhom.